



Kunsill Ewropew

Brussell, 16 ta' Ottubru 2015
(OR. en)

EUCO 26/15

CO EUR 10
CONCL 4

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (15 ta' Ottubru 2015) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

MIGRAZZJONI

1. L-indirizzar tal-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati huwa obbligu komuni li jeħtieġ strateġija komprensiva u sforz determinat matul iż-żmien fi spirtu ta' solidarjetà u responsabbiltà. L-orjentazzjonijiet maqbula mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fit-23 ta' Settembru ffukaw fuq il-kwistjonijiet l-aktar urġenti. L-implimentazzjoni tagħhom qed tavvanza b'mod rapidu, kif jidher mill-ħidma li saret fi ħdan il-Kunsill u mir-rapport tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru. Din ser tkun segwita mill-viċin, inkluż f'dak li jikkonċerna l-impenji finanzjarji u l-ħtiġijiet oħra possibbli.
2. Illum, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa l-orjentazzjonijiet ulterjuri li ġejjin:

Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jitwaqqfu l-flussi

- a) jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni konġunt mat-Turkija bħala parti minn aġenda ta' kooperazzjoni komprensiva msejsa fuq responsabbiltà kondiviża, impenji reċiproċi u l-kisba ta' riżultati. L-implimentazzjoni b'suċċess ser tikkontribwixxi biex jitħaffef it-twertiq tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viżi mill-Istati Membri parteċipanti kollha u l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim ta' riammissjoni. Il-progress ser jiġi vvalutat fir-rebbiegħa tal-2016. L-UE u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesta li jżidu l-kooperazzjoni mat-Turkija u li jżidu b'mod sostanzjali l-impenn politiku u finanzjarju tagħhom fil-qafas stabbilit. Il-proċess ta' adeżjoni jeħtieġ li jingħata spinta għida bil-ħsieb li jinkiseb progress fin-negozjati f'konformità mal-qafas ta' negozjar u l-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill.

Il-Kunsill Ewropew ta l-kondoljanzi tiegħu lill-poplu tat-Turkija wara l-attakk bomba ta' Ankara u wiegħed l-appoġġ tiegħu għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;

- b) l-iżgurar ta' segwitu effettiv u operazzjonali għall-Konferenza ta' livell għoli dwar ir-Rotta tal-Mediterran tal-Lvant/Balkani tal-Punent, b'enfasi partikolari fuq il-ġestjoni tal-flussi migratorji u l-ġlieda kontra n-netwerks kriminali;
- c) il-kisba ta' miżuri operazzjonali konkreti fis-Summit tal-Belt Valletta li jmiss ma' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern Afrikani, b'iffukar, b'mod ġust u bbilanċjat, fuq ir-ritorn u r-riammissjoni effettivi, il-qerda ta' netwerks kriminali u l-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali, akkumpanjati minn sforzi reali biex jiġu ttrattati l-kawżi ewlenin u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Afrika flimkien ma' impenn rigward ħidma kostanti lejn possibbiltajiet għall-migrazzjoni legali;
- d) it-tfittxija għal possibbiltajiet biex jiġu żviluppati kapaċitajiet ta' akkoljenza sikuri u sostenibbli fir-reġjuni milquta u l-għoti ta' prospettivi dejjiema u proċeduri adegwati għar-refuġjati u l-familji tagħhom, inkluż permezz tal-aċċess għall-edukazzjoni u l-impjieg, sakemm ikun possibbli r-ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom;
- e) l-Istati Membri jintalbu jkomplu jikkontribwixxu fl-isforzi magħmula biex jingħata appoġġ lill-UNHCR, il-Programm Dinji tal-Ikel u aġenziji oħra, kif ukoll biex jappoġġaw il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi tas-Sirja u l-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika.

Tisħiħ tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE (żvilupp tal-acquis ta' Schengen)

- f) il-ħidma lejn l-istabbiliment gradwali ta' sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni;
- g) isir użu sħiħ tal-mandat eżistenti tal-Frontex, inkluż fir-rigward tal-iskjerament ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri;

- h) f'konformità mad-distribuzzjoni tal-kompetenzi skont it-Trattat, b'rispett sħiħ għall-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri, jissaħħaħ il-mandat tal-Frontex fil-kuntest ta' diskussjonijiet dwar l-iżvilupp ta' Sistema ta' Gwardja tal-Kosta u tal-Fruntieri Ewropej, inkluż fir-rigward tal-iskjerament ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri f'każijiet fejn l-evalwazzjonijiet jew l-analiżi tar-riskju ta' Schengen juri l-ħtieġa għal azzjoni robusta u immedjata, f'kooperazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat;
- i) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jissaħħaħ il-kontroll tal-fruntieri esterni tal-UE biex jintlaħqu kemm l-oġettivi tal-migrazzjoni kif ukoll tas-sigurtà, mingħajr ma jkun hemm tfixkil għall-fluwidità tal-moviment;
- j) tintlaqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta malajr pakkett ta' miżuri bil-għan li tittejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħna.

Reazzjoni għall-influss ta' refuġjati fl-Ewropa u l-iżgurar tar-ritorn tagħhom

- k) f'konformità mad-deċiżjonijiet meħuda s'issa, it-tkomplija b'determinazzjoni tal-istabbiliment ta' aktar hotspots fil-limitu ta' żmien maqbul biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni, it-teħid tal-marki tas-swaba' u l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u migranti oħrajn u fl-istess waqt jiġu żgurati r-rilokazzjoni u r-ritorni. L-Istati Membri ser jappoġġaw bis-sħiħ dawn l-isforzi, l-ewwel nett billi jissodisfaw is-sejħiet għal għarfien espert mill-Frontex u l-EASO għat-Timijiet ta' Appoġġ għall-Ġestjoni tal-Flussi Migratorji, biex jaħdmu fiż-żoni li huma hotspot u bl-għoti tar-riżorsi neċessarji;
- l) wara l-ewwel rilokazzjonijiet b'suċċess, tippoċedi malajr l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjonijiet meħuda s'issa dwar ir-rilokazzjoni kif ukoll l-impenji tagħna dwar ir-risistemazzjoni u dwar il-funzjonament tal-hotspots;

- m) fl-istess waqt titħaffef l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva dwar ir-Ritorn u, qabel tmiem is-sena, jinħoloq uffiċċju apposta għar-ritorn fi ħdan Frontex sabiex jiġi intensifikat l-appoġġ għall-Istati Membri;
 - n) jitwessa' l-mandat tal-FRONTEx dwar ir-ritorn biex jinkludi d-dritt li jiġu organizzati operazzjonijiet konġunti ta' ritorn fuq inizjattiva tagħha stess, u t-tisħiħ tar-rwol tagħha fir-rigward tal-akkwist ta' dokumenti tal-ivvjaġġar għall-persuni rimpatrijati;
 - o) il-promozzjoni tal-aċċettazzjoni minn pajjiżi terzi ta' *laissez-passer* tar-ritorn Ewropew imtejjeb bħala d-dokument ta' riferiment għal finijiet ta' ritorn;
 - p) l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji kollha tar-riammissjoni, sew jekk imwettqa permezz ta' ftehimiet ta' riammissjoni formali, il-Ftehim ta' Cotonou jew arranġamenti oħra;
 - q) iż-żieda ulterjuri tal-pressjoni fl-oqsma tar-ritorn u r-riammissjoni, bl-użu fejn adatt tal-prinċipju "aktar għal aktar". F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ser jipproponu, fi żmien sitt xhur, inċentivi komprensivi u adatti li għandhom jintużaw fir-rigward ta' pajjiżi terzi.
3. L-orjentazzjonijiet imsemmijin hawn fuq jirrappreżentaw pass importanti ieħor lejn l-istrateġija komprensiva tagħna, b'mod konsistenti mad-dritt li jintalab l-asil, id-drittijiet fundamentali u l-obbligi internazzjonali. Madankollu, hemm azzjonijiet oħra importanti ta' prijorità li jeħtieġu aktar diskussjonijiet fil-fora rilevanti, inklużi l-proposti tal-Kummissjoni. U hemm il-bżonn ta' riflessjoni kontinwa dwar il-politika ġenerali tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil. Il-Kunsill Ewropew ser isegwi mill-viċin l-iżviluppi.

Is-Sirja u l-Libja

4. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-iżviluppi politiċi u militari fis-Sirja, inkluż l-impatt tagħhom fuq il-migrazzjoni. Ir-reġim ta' Assad iġorr l-akbar responsabbiltà għall-mewt ta' 250.000 persuna fil-konflitt u għall-miljuni ta' persuni spostati. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-hteġa ta' ffukar fuq il-ġlieda kontra DAESH u gruppi terroristiċi oħra ddeżinjati min-NU fil-qafas ta' strateġija magħquda u kkoordinata u proċess politiku fuq il-bażi tal-Communiqué ta' Ġinevra tal-2012. L-UE tinsab impenjata bis-sħiħ biex issib soluzzjoni politika għall-konflitt f'kooperazzjoni mill-qrib man-NU u l-pajjiżi tar-reġjun u tappella lill-partijiet kollha involuti biex jaħdmu għal dak il-għan. Ma jistax ikun hemm paċi dejjiema fis-Sirja taħt it-tmexxija attwali sakemm ma jiġux indirizzati l-ilmenti u l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-komponenti kollha tas-soċjetà Sirjana. Il-Kunsill Ewropew esprima t-tħassib tiegħu dwar l-attakki Russi fuq l-oppożizzjoni u l-popolazzjoni ċivili Sirjani u r-riskju ta' aktar eskalazzjoni militari.
5. Fir-rigward tal-Libja, il-Kunsill Ewropew laqa' d-dikjarazzjoni li saret min-NU u appella lill-partijiet kollha biex japprovawha malajr. L-UE ttenni l-offerta tagħha ta' appoġġ politiku u finanzjarju sostanzjali lill-Gvern b'Kunsens Nazzjonali hekk kif dan jibda fil-kariga tiegħu.

PUNTI OĦRA

6. Il-Kunsill Ewropew ħa kont tad-diskussjonijiet dwar ir-rapport tal-Presidenti dwar it-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew itenni li l-proċess ta' tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja għandha titmexxa 'l quddiem b'rispett sħiħ tas-suq uniku u b'mod miftuħ u trasparenti. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru.
 7. Il-Kunsill Ewropew ġie infurmat dwar il-proċess li jmiss rigward il-pjanijiet tar-Renju Unit għal referendum (in/out). Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'Diċembru.
 8. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport internazzjonali u indipendenti, imħejji mill-Bord ta' Sikurezza tan-Netherlands, ippublikat fit-13 ta' Ottubru dwar it-twaqqiġ tat-titjira MH17 u jappoġġa l-isforzi li għaddejjin biex daww involuti fit-twaqqiġ tal-MH17 jinżammu responsabbli, f'konformità mar-Risoluzzjoni 2166 tal-KSNU.
-